MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 621/2001
Kawza Numru. 3

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**

**vs**

**Stacy Chircop**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Stacy Chircop ta' 30 sena, iben Joseph u Filippa nee' Spiteri, imwieled Pieta' nhar l-20 t' Awwissu, 1971 u residenti f' 'Joe Flts', Flt 7, Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identita' numru 395171 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a. Nhar id-9 t'Ottubru, 2001, f' Paceville, ghall-habta tas-1.15p.m, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa,

ikkommetta serq ta’ zewg basktijiet kontenenti ghaxar liri Maltin (Lm10) u diversi oggetti fosthom mobile phone u dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u li sar ghad-detriment ta’ Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri ;

b. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il- Ligi ta’ l-Awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri kontra l-volonta’ taghhom ;

c. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna diversi feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri, hekk kif iccertifikaw t-tobba tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u ta’ l-Isptar San Luqa.

d. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

e. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m’ obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.

f. Fl-istess data, f’ San Giljan u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer , kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew kellu f’ idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

g. F’xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-8 u id-9 t’ Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta’ vettura t’ ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAE 772, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Spiridione Agius;

h. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati

14.01.98 u 19.01.99, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta' Awissu 2003 (esebita a fol. 328 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262 (1)(a)(b), 263, 267, 274(c), 275, 277, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 86, 87 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 ;
(e) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali ;
(f) fl-artikoli 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66 ;
(g) fl-artikoli 261(f)(g)(c) 267, 270, 271(g), 279, 281 tal-Kodici Kriminali ;
(h) fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta' Settembru 2003, l-imputat Stacy Chircop ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finalli maghmula mid-Difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali prezentata mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda hold-up li sehh fid-9 ta' Ottubru 2001 fi Triq Elia Zammit kantuniera ma' Triq San Gorg, f' San Giljan vicin l-Exchange Bureau ta' Thomas Cook ghall-habta tas-1.10pm fejn zewg tfajliet, Nadine Giles u Ebony Camilleri, it-tnejn impjegati ta' Thomas Cook, kienu ghadhom kemm telqu mill-imsemmi Exchange Bureau sabiex imorru ghall-break u x'hin bdew jimxu lejn Triq San Gorg gew avvicinati minn zewgt irgiel mghammda u

wiehed minn dawn l-irgiel ipponta arma tan-nar lejn wicc Nadine Giles filwaqt li l-iehor qabad lit-tfajla l-ohra u dawn l-irgiel hadu l-handbags ta’ dawn tal-ahhar u dahlu jigru gewwa vettura ta’ lewn celesti bin-numru tar-registrazzjoni KAE 772 li kienet parkeggjata fil-kantuniera fejn kien hemm persuna ohra fis-seat tad-driver u saqu jigru lejn il-bajja ta’ San Gorg. Ftit sekondi jew minuti qabel Ebony Camilleri kient innutat l-istess vettura celesti ghaddejja u kienet rat li fil-vettura kien hemm tlett irgiel b’ wicchom mikxuf u peress li dehrilha li l-persuna li kien hemm riekeb fuq quddiem fil-passenger seat kien jixbah habib taghha jismu Steve hija tat kaz min kien hemm f’din il-vettura u gharfet lill-imputat Stacey Chircop bhala l-persuna li kien qed isuq din il-vettura celesti. Meta kein ghadu kemm sehh il-hold-up inzertat ghadejja vettura tal-Mobile Squad tal-Pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP 244 fejn kien hemm PC 459 Mark Anthony Buttigieg u PC99 Mario Portelli li mal-ewwel segwew il-vettura bil-hallelin meta f’hin minnhom wiehed milll-irgiel fil-vettura celesti hareg nofsu l-barra mit-tieqa u spara zewg tiri fid-direzzjoni tal-vettura tal-Pulizija u l-hallelin harbu minn fuq il-post.

***“Iz-zewg tfajliet, Nadine Giles ta’ 25 sena, insterqulha basket zghir ta’ lewn blu li kien fih ID Card taghha, cwievet tad-dar u tal-karozza u xi dokumenti zghar taghha. Ebony Jade Camilleri ta’ 23 sena, insterqulha zewg passaporti, cash link tal-BOV, Lm10 kontanti, cwievet tad-dar, ID Card u mobile telephone tal-marka Nokia.***

***Ftit tal-hin wara, instabet ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAE 772 liema vettura kienet l-istess wahda li intuzat waqt is-serqa. Din il-vettura kienet giet irrapurtata nieqsa minn sidha, il-gurnata ta’ qabel min gewwa Ta’ Gioni u instabet f’Wied Ghomor kif wkoll l-oggetti misruqa hlief l-Lm10. Dawn instabu ftit il-boghod mill-karozza.”***

Mill-provi rrizulta li Ebony Camilleri kienet tahdem fil-branch ta’ Thomas Cook li kienet tinstab fil-lukanda San Gorg u fis-1.00pm hija kienet ghalqet il-branch u marret tiltaqa’ mal-habiba taghha Nadine Giles fil-branch ta’ Triq

Elia Zammit u l-hold up sehh meta Nadine Giles kienet ghadha kemm ghalqet il-branch fejn kienet tahdem hi u z-zewg tfajliet bdew miexjin fid-direzzjoni ta Triq San Gorg. Fil-kors tal-investigazzjonijiet meta l-Pulizija kellmet lil Nadine Giles din indikat li l-gurnata qabel il-hold-up ghall-habta tal-12.30pm kien dahal fil-branch ragel (li sussegwentement gie identifikat li kien l-imputat Stacey Chircop)  sabiex isarraf 11,00o Lira Taljana li kienu jissarfu f'Lm1.50 u meta hija nfurmatu li jekk isarraf dan l-ammont kien ser ihallas nofsu (75c) f'charges u li ghalhekk ma kienx jaqbillu jsarrafhom huwa nsista li ried isarrafhom u meta hija fethet il-kexxun tal-cash huwa beda' jittawwal gewwa l-istess kexxun b'mod talment ovvju li hija ghalqet il-kexxun bl-ghagla. Meta gie ezaminat il-fimat tac-CCTV cameras li kien hemm fil-Bureau rrizulta li din il-persuna li marret issarraf dawn il-flus kien fil-fatt l-imputat.

Mill-atti rrizulta li fl-10 ta' Ottubru 2001 saru zewg Identification Parades (dokumenti tal-line-up relattiv inseriti a a fol. 65 u 66 tal-process u ritratti tal-istess line-up u tal-persuni li hadu sehem f'dan l-Identification Parade esebiti a fol. 81) fejn Ebony Camilleri identifikat darbtejn in fila lill-imputat Stacey Chircop bhala wiehed mill-irgiel involuti fil-hold-up in dizamina.

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jeffrey Cilia rrizulta li l-imputat Stacey Chircop gie arrestat ftit tal-hin wara li sehh il-hold-up meta huwa mar jiffirma l-Ghassa tal-Belt u meta huwa gie mistoqsi fejn kien dakinhar filghodu huwa rrisponda li kellu Appell Kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema appell ma nstemghax u gie differit u huwa telaq mill-Qorti ghall-habta tan-12.30pm, mar id-dar ibiddel u imbaghad mar il-King George Bar il-Gzira jiekol hobza u mbaghad baqa' sejjer il-Belt jiffirma l-Ghassa. L-imputat rrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 79 u 80 tal-process fejn ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda maghmula lilu.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha principalment fuq ix-xhieda ta’ Ebony Camilleri u Nadine Giles li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tat-23 ta’ Ottubru 2001. Nadine Giles wara li spejgat kif sehh il-hold-up identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien mar fil-branch ta’ Thomas Cook fejn kienet tahdem hi gurnata qabel il-hold-up u sarraf Lit 11,000 u agixxa b’mod suspettuz ghall-ahhar. Ebony Camilleri identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq l-Escort ta’ lewn celesti li hija kienet rat ghaddejja minn Triq Elia Zammit ftit tas-sekondi qabel ma sehh il-hold up bi tlett irgiel mhux mghammda fiha. Hija spjegat li kienet innutat din il-vettura ghaliex il-persuna li kien hemm bil-qeghda fil-passenger seat ta’ quddiem, u cioe’ hdejn is-sewwieq, hasbitu habib taghha li kien jismu Steve. Hija qalet ukoll li l-imputat ma kienx il-halliel li aggrediha ghaliex dan kellu ghajnejh blu mentri l-imputat kellu ghajnejh kanella izda qalet ukoll li l-aggressur taghha kien l-istess ragel li rat bil-qeghda fis-seat tal-passiggier hdejn l-imputat fil-vettura celesti u li hija hasbitu l-habib taghha Steve. Hija kkonfermat li kienet identifikat lill-imputat darbtejn fl-Identification Parade li saret fl-10 ta Ottubru 2010 bhala wiehed mill-persuni li kien fil-vettura celesti nvoluta fil-hold –up.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009 fejn huwa cahad li kien involut fil-hold-up li sar fid-9 ta’ Ottubru 2001 u qal li dakinhar huwa kellu Appell Kriminali li kellu jinstema’ mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) li dak iz-zmien kienet presjeduta mil-Imhallef Lino Agius u li huwa dam jistenna barra l-awla san-12.30pm ghaliex kellha tixhed il-Probation Officer izda peress li din baqghet ma gietx l-appell gie differit u ghalhekk huwa telaq mill-Qorti mar il-King George Bar il-Gzira jiehu hobza u mbagahd mar id-dar jinhasel u jbiddel u mbaghad telaq lejn l-Ghassa tal-Belt sabiex jiffirma fejn huwa ma thalliex jiffirma u gie arrestat mill-Ispettur Angelo Caruana u ttiehed id-Depot. L-imputat ikkonferma li gurnata qabel huwa kien mar isarraf xi flus Taljani mill-Exchange Bureau ta’ Thomas Cook u qal li huwa kien inghata mazz flus Taljani

minghand persuna li ltaqa’ maggha fit-triq u peress li kien hemm hafna karti tal-flus huwa haseb li dawn kienu jiswew hafna u mar isarrafhom izda mbaghad skopra li l-valur ta’ dawn il-karti kien minimu.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz id-Difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha sostniet li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat Stacey Chircop kien involut b’xi mod fil-hold-up li jifforma l-mertu ta’ din il-kawza. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li mix-xhieda ta’ Ebony Camilleri jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-imputat Stacey Chricop kien involut fl-imsemmi hold-up. Kif diga’ ntqal fil-paragrafi precedenti din ix-xhud identifikat minghajr ezitazzjoni ta’ xejn lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura tal-marka Escort u ta’ lewn celesti li minnha hargu z-zewg irgiel mghammda li effetwaw il-hold up u li fiha harbu l-istess irgiel wara li effetwaw il-hold-up. Huwa minnu li Ebony Camilleri qalet li l-imputat ma kienx ir-ragel li aggrediha fil-hold-up ghaliex l-aggressur taghha kellu ghajnejh ta’ lewn blu filwaqt li l-imputat ghandu ghajnejh kanella izda hija qalet ukoll li l-aggressur taghha kien il-persuna li kien riekeb fil-passenger seat hdejn l-imputat Stacey Chircop meta rat il-vettura celesti ghaddejja u l-irgiel kienu ghadhom m’humiex mghammda. Irid inoltre jigi rilevat li din Ebony Camilleri gharfet lill-imputat bhala wiehed mill-persuni involuti fil-hold-up f’zewg identification parades li saru l-ghada tal-hold-up u kif jirrizulta mix-xhieda ta’ PS 836 Alexander Taliana li xehed waqt l-udjenza tas- 7 ta’ Dicembru 2001 hija identifikat lill-imputat minghajr ebda ezitazzjoni u minghajr ma wriet ebda dubju. Id-Difiza waqt it-trattazzjoni issottomettiet li l-Identification Parades ma gewx kondotti b’mod korrett stante li ma kienx hemm somiljanza bejn il-persuni l-ohra li ppartecipaw fil-line up u l-imputat u anki ghaliex dan tal-ahhar tpogga fit-tarf tal-line up u kien liebes b’mod ghal kollox differenti mill-partecipanti l-ohra fil-line up. Il-Qorti l-anqas ma taqbel ma din is-sottomissjoni ghaliex wara li ezaminat il-line up jidrilha li z-zewg Identification Parades saru b’mod korrett

u skond il-kriterji stabbiliti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Lulju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet "Pulizjia vs Stephen Zammit. '

Id-Difiza inoltre irriteniet li l-imputat provda alibi sodisfacenti dwar fejn kien fil-hin li sehh il-hold-up. Il-Qorti taghzel li ma temminx il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat dwar l-alibi. Il-Qorti fil-fatt ma jidrilhiex li huwa minnu li l-imputat fid-9 ta' Ottubru 2001 dam il-Qorti san-12.30pm u dan ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti:-

Mill-prime note esebiti minn Aldo Testone li kien id-Deputat Registratur fis-seduta tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' dakinhar jirrizulta li l-appell tal-imputat gie differit u ma nstemghax. Mill-istess xhieda ta' Aldo Testone jirrizulta li l-appell tal-imputat kien intiz sabiex jinstema'' fid-9.30am u l-imsemmi Deputat Registratur jghid li l-Imhallef Lino Agius kien izomm il-hin u spjega li is-seduti tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienu jispiccaw sal-11.00am u qatt ma damu aktar minn 12.00pm.

Mill-prime note jirrizulta inoltre li dakinhar kien hemm 22 appell appuntati, hdax minhom kienu ghas-sentenza fejn is-sentenza ma nghatatx, kien hemm erba' appelli fejn inghatat is-sentenza u nqara biss id-decide u appell iehor li gie kancellat u erba' appelli li gew differiti ghall-kontinwazzjoni. Dan kollu jindika li huwa ferm improbabbli dak li qed isostni l-imputat li huwa telaq mill-Qorti fin-12.30pm u li huwa effetivament telaq ferm qabel u ghalhekk kellu zmien bizzejjed sabiex ikun San Giljan fil-hin li fih sehh il-hold-up.

Il-Qorti inoltre jidrilha li jekk il-hold-up sehh fis-1.10pm, l-imputat kellu bizzejjed hin sabiex jasal il-Belt u jmur l-Ghassa jiffirma fis-2.00pm. Mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Caruana jirrizulta li l-imputat gie arrestat l-Ghassa tal-Belt bejn is-2.00pm u 2.15pm.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li mill-provi migjuba mil-Prosekuzzjoni jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-

raguni li l-imputat kien involut fil-hold-up li sehh fid-9 ta' Ottubru 2001 u dan ghaliex gie identifikat minn Ebony Camilleri bhala s-sewwieq tal-vettura li kienu fiha l-hallelin immedijatament qabel il-hold-up u li harbu fiha wara li effetwaw il-hold-up. Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-akkuza tar-recidiva li tirrizulta pruvata permezz tas-sentenzi esebiti a  fol. 292 et sequitur tal-process. In kwantu jirrigwarda il-bqija tal-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat il-Qorti jidrilha li una volta li gie pruvat li l-imputat kien involut fil-hold-up ghandu wkoll jitqies li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat huwa hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu fil-grad ta' komplici.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali xejn felici tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa ben assodat fit-triq tal-kriminalita' kif ukoll tal-fatt li huwa recidiv u ghalkemm qieset dak li xehdet Vicky Scicluna mill-Agenzija Sedqa dwar il-kambjament li qed jipprova jaghmel l-imputat f'hajtu il-Qorti setghat tikkonstata li l-informazzjoni moghtija minn din ix-xhud hija kwazi kompletament ibbazata fuq konversazzjoni li kellha mal-imputat gurnata qabel ma xehdet f'dawn il-proceduri. Ghalhekk tenut kont tal-fedina penali tal-imputat u tenut kont tal-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Fi kwalunkwe kaz jekk l-imputat effettivament iddecieda li jaqbad it-triq it-tajba huwa xorta wahda jista' jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega fi hdan l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprova jeghleb il-problemi li inducewh fit-triq tal-kriminalita'. Il-Qorti f'dan l-istadju tixiteq tirrileva li l-kummenti mghoddija mid-Difiza dwar id-dewmien fil-kawza huma ghal kollox infondati u gratwiti stante li mil-atti processwali jirrizulta b'mod lampanti li dan id-dewmien huwa kwazi ghal kollox attribwibbli ghall-imputat li sa mill-2003 ghamel minn kollox sabiex il-kawza ma tipprocediex fejn fost affarijiet ohra biddel l-avukat ghal aktar minn darba u addirittura talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fis-sena 2008 meta rega' ghal darb'ohra biddel l-avukat u ddecida li ried jixhed f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta’ Awissu 2003 u senjatament l-Artikoli 261(a)(b)(c),(f),g), 262 (1)(a)(b), 263, 267,270, 271(g), 274(c), 275, 277, 278, 279, 281 86, 87,221, 338(ee), 42, 43, 49, 50, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 2, 3 19 u 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames (5) snin prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lil-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mtilub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf u tmienja u tmenin ewro u tnejn u tmenin ewro centezmi (€1088.82) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------